TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT190/20/F

**Maryanne Farrugia**

**vs**

**Top Choice Ltd**

Illum, 13 ta' Marzu, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar id-9 ta' Diċembru 2020 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li minkejja li ġiet debitament notifikata fl-14 ta' April 2021, l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta Risposta;

Ra li waqt l-udjenza tal-11 ta' April 2022, fuq talba tal-azjenda intimata, it-Tribunal awtorizza lill-istess azjenda intimata sabiex tippreżenta Risposta;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fis-26 ta' April 2022;

Ra d-dokumenti eżebiti mill-Partijiet;

Sema' x-xhieda bil-ġurament tar-Rikorrenti Maryanne Farrugia waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2022;

Sema' x-xhieda bil-ġurament ta' Jonathan Cauchi in rappreżentanza tal-azjenda intimata waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2023.

Sema' s-sottomissjonijiet tal-Partijiet.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-Talba tagħha, ir-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifuża s-somma ta' **mija u tenjn u sittin Euro (€162.00)** mill-azjenda intimata rappreżentanti l-valur ta' sink tal-kċina li skont hi, huwa difettuż fis-sens li għandu għadd ta' grif.

Illi fix-xhieda tagħha, ir-Rikorrenti tispjega li fis-6 ta' Awwissu 2020 kienet xtrat sink tal-kċina mingħand l-azjenda intimata u kien issiġillat ġewwa kaxxa tal-kartun. L-għada (sic.), dan is-sink ġie installat mit-tifel tar-Rikorrenti. Ftit wara, ir-Rikorrenti marret biex taħsel il-platti fis-sink u indunat li n-naħa tiegħu fejn ikun hemm id-*draining board* kienet mimlija grif. Meta kkuntattjat lill-azjenda intimata dwar din il-problema, ir-risposta li ħadet kienet li ma jistax ikun li mingħandhom ħareġ hekk is-sink. Minn naħa tagħha, ir-Rikorrenti ppreżentat sensiela ta'ritratti li jindikaw l-allegat grif li għandu s-sink. It-Tribunal jinnota li wħud mill-grif huma fondi ħafna.

Illi waqt ix-xhieda tiegħu, Jonathan Cauchi, in rappreżentanza tal-azjenda intimata ikkonferma bil-ġurament illi s-sink in kwistjoni ġie ċċekkjat qabel ma ġie mgħoddi lill-klijent fil-ħanut tal-azjenda intimata fil-Ħamrun u rrefera għad-*delivery note* fejn fuqha, ġie ffirmat li l-prodott ġie "*received in good condition*" mill-klijent. Irrimarka ukoll li fil-fehma tiegħu, huwa stramb kif il-klijenti indunaw bid-difetti wara li s-sink kien ġie installat u mhux għas-saħħa tal-argument, hekk kif inħareġ mill-kaxxa li kien fiha.

Illi mill-analiżi tiegħu tad-dokumentazzjoni prodotta mill-Partijiet, it-Tribunal jifhem li s-sink in kwistjoni inġabar mill-ħanut tal-azjenda intimata nhar is-7 ta' Awwissu 2020. It-Tribunal jinnota ukoll li fl-ittra li kien bagħat Silvan Farrugia (bin ir-Rikorrenti) lill-azjenda intimata bl-ilment tagħhom, huwa jgħid li is-sink "mort għalih il-Ġimgħa 8 ta' Awwissu 2020 u weħħiltu is-Sibt 9 ta' Awwissu 2020. Sal-Ħadd 10 ta' Awwissu ġa kien ingiref, u ma poġġejtx affarijiet tqal jew jigirfu [...]".

Illi fil-fehma tat-Tribunal, b'dak li kiteb Silvan Farrugia impliċitament qed jikkonferma li meta aċċetta l-konsenja tas-sink, dan ma kellux grif u li l-grif allegatament ħareġ fil-frattemp bejn li inxtara fis-7 ta' Awwissu u l-jum tal-10 ta' Awwissu. Joħroġ mill-provi ukoll li dan is-sink ġie installat f'postu minn dan Silvan Farrugia innifsu u għalhekk, l-azjenda intimata ma kienet involuta fl-installazzjoni bl-ebda mod.

Illi wara li qies sewwa l-provi kollha prodotti, inkluż il-verżjonijiet rispettivi mogħtija mill-partijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ispejegazzjoni mogħtija mill-

azjenda intimata hija l-aktar waħda attendibbli bejn it-tnejn u fuq bażi ta' probabbilità,ma jidhirx li huwa każ ta' difett tal-manifattura iżda aktar li s-sink possibbilment ġie danneġġjat waqt l-installazzjoni, proċess li fih l-azjenda intimata ma kienet involuta bl-ebda mod.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħadha.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tar-Rikorrenti.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***